

Brussell, 18 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10854/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0170 (NLE)

ECOFIN 854
UEM 282
FIN 921
ECB
EIB

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 312 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 312 final.

Mehmuż: COM(2026) 312 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.6.2026
COM(2026) 312 final

2026/0170 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru

{SWD(2026) 169 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") minn Ċipru fis-17 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-28 ta' Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni² ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021"). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2023³, tas-16 ta' Lulju 2024⁴, tal-21 ta' Jannar 2025⁵, tal-20 ta' Ġunju 2025⁶ u tat-12 ta' Diċembru 2025⁷.
- (2) Fid-29 ta' Mejju 2026, Ċipru għamel talba motivata lill-Kummissjoni biex tressaq proposta li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb għalkollox minħabba ċirkustanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, Ċipru ppreżenta l-RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati minn Ċipru minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 54 miżura.

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>

² Ara d-dokumenti: ST 10686/21 INIT, ST 10686/21 ADD 1.

³ Ara d-dokumenti: ST 15571/23 INIT, ST 15571/23 ADD 1, ST 15571/23 ADD 1 COR 1.

⁴ Ara d-dokumenti: ST 11806/24 INIT, ST 11806/24 ADD 1.

⁵ Ara d-dokumenti: ST 17052/24 INIT, ST17052/24 ADD 1.

⁶ Ara d-dokumenti: ST 9585/25 INIT, ST 9585/25 ADD 1.

⁷ Ara d-dokumenti: ST 15743/25 INIT, ST 15743/25 ADD1.

- (4) Ċipru spjega li ħames miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba domanda insuffiċjenti. Dan jikkonċerna C2.1I9 protezzjoni min-nirien, C2.2I1 Proġetti ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP) u miżuri li jsaħħu l-aċċessibbiltà, C3.4I6a Riġenerazzjoni u Rivitalizzazzjoni tal-Belt Interna ta' Nikosija, C5.1R4 Trasformazzjoni diġitali tal-unitajiet tal-iskejjel bl-għan li jissaħħu l-ħiliet diġitali u l-ħiliet relatati mal-edukazzjoni STEM, u C6.1I6 Miżura fuq skala akbar: Programm ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni tematika dwar it-tranżizzjoni ekoloġika. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (5) Ċipru spjega li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu għalkollox minħabba dewmien mhux mistenni fl-implimentazzjoni. Dan jikkonċerna C1.1I5 Xogħlijiet ta' kostruzzjoni u tagħmir ġdid fl-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru, C3.4I5 Bliet intelliġenti u C5.1R2 Sistema ġdida ta' evalwazzjoni tal-għalliema u tal-iskejjel. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) Ċipru spjega li ħames miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu għalkollox minħabba problemi tekniċi fl-implimentazzjoni. Dan jikkonċerna C1.1I7 Sistema ta' twissija pubblika għal operazzjonijiet ta' emerġenza, C3.4R9 Trasformazzjoni diġitali tal-qradi, C3.5R4 Sistema diġitali għall-iskambju ta' data u l-forniment ta' servizzi ta' punteġġ tal-kreditu, C3.5R9 Diġitalizzazzjoni tal-ġbir tat-taxxa u C4.2I2 Diġitalizzazzjoni tal-Awtorità tal-Portijiet ta' Ċipru. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (7) Ċipru spjega li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb għalkollox, minħabba force majeure. Dan jikkonċerna C3.1R3 Titjib ġenetiku tal-popolazzjoni tan-nagħaġ u tal-mogħoż ta' Ċipru. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (8) Ċipru spjega li miżura waħda ġiet emendata biex tiġi implimentata alternattiva manifestament aħjar sabiex tikseb l-ambizzjoni oriġinali tagħha. Dan jikkonċerna C2.1R1 Tassazzjoni ekoloġika. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li dik il-miżura tiġi emendata. Peress li daww iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw emenda tal-miżuri, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.
- (9) Ċipru spjega li 36 miżura ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna C1.1R1 Ċentru Nazzjonali għall-Evidenza Klinika u t-Titjib tal-Kwalità; C2.1I1 Investimenti fl-iffrankar tal-enerġija fl-SMEs u fl-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ; C2.2I2 Il-ħolqien ta' infrastruttura tal-elettromobbiltà; C2.3I2 Impjanti tat-Trattament tal-Ilma; C2.3I4 Ġestjoni Intelliġenti tan-Networks tal-Ilma u tad-Dranaġġ; C2.3I5 Miżuri kontra l-għargħar u għall-ġbir tal-ilma; C2.3I6 Proġetti għas-sigurtà tal-ilma; C3.1R1 Teħid tal-prattiki agrikoli mis-seklu 20 għas-seklu 21 permezz ta' investiment f'ċentru nazzjonali għall-eċċellenza fl-agroteknoloġija; C3.1I6 Skema għall-appoġġ tal-produzzjoni ta' intrapriżi fis-settur agrikolu; C3.1I8 Valur miżjud tat-turiżmu; C3.1I9 L-ekonomija ċirkolari fil-lukandi; C3.1I10 Arrikkiment tat-turiżmu; C3.1R4 Ekonomija ċirkolari; C3.1I11 Estensjoni tan-Network tal-Punti Ħodor ta' Ċipru; C3.2R1 Politika ta' Riċerka u Innovazzjoni

Nazzjonali; C3.3R2 Appoġġ għall-Mekkaniżmu ta' Attivazzjoni tan-Negozju Rapidu; C3.3R4 Inkorporazzjoni ta' Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali; C3.4R1 Appoġġ għall-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika; C3.4R4 Id-diġitalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku; C3.4I3 Ċentru ta' Mudellar tal-Politika Ekonomika; C3.4R7 Konsolidazzjoni tal-art urbana; C3.4I4 Is-sistema elettronika għall-ħruġ ta' permessi tal-bini; C3.5R8 It-tisħiħ tas-superviżjoni tal-Fondi tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet; C3.5R10 L-indirizzar tal-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa; C3.5I2 Modernizzazzjoni tas-Sistema ta' Pagament Doganali u Elettroniku; C4.2R1 Fabbrika tas-Servizzi Diġitali (DSF); C4.2R3 Diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-pulizija (Digipol); C4.2I1 Diġitalizzazzjoni tal-ministeri/servizzi tal-gvern ċentrali; C5.1R3 Estensjoni gradwali tal-edukazzjoni preprimarja obligatorja mingħajr ħlas mill-età ta' erba' snin; C5.1R5 Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet fl-Elettronika – Implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi; C5.2R2 Arranġamenti ta' xogħol flessibbli fil-forma ta' telexogħol; C5.2I2 Stabbiliment ta' Ċentri Multifunzjonali u Ċentri ta' Kura tat-Tfal; C5.2I3 L-istabbiliment ta' strutturi tad-dar għal persuni fil-bżonn ta' kura fit-tul; C5.2I4 Ċentri għat-tfal fil-muniċipalitajiet; C5.2I5 Kostruzzjoni ta' żewġ mudelli ta' skejjel tal-edukazzjoni speċjali u C5.2R1 Ir-riforma tas-Sistema tal-Assigurazzjoni Soċjali u r-Ristrutturar tas-Servizzi tal-Assigurazzjoni Soċjali. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li daww il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (10) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, Ċipru talab li juża r-riżorsi li saru disponibbli bit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' tliet miżuri. Dan jirrigwarda lil C2.1I2 Sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku f'unitajiet domestiċi b'konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli; C2.2I3 Avvanz fl-użu ta' Vetturi Elettriċi (EVs) u C6.1I1 Miżura fuq skala akbar: l-enerġija rinnovabbli u l-miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' erba' miżuri. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri

- (11) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li jiġu emendati biex jitqiesu l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata minn Ċipru.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (12) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

L-indirizzar tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat mistenni jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lil Ċipru, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħrajn adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Kontribuzzjoni għall-oġettivi tar-REPowerEU

- (14) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u l-Anness V, il-kriterju 2.12 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (15) L-ambizzjoni kumplessiva tal-kapitolu REPowerEU tibqa'. Filwaqt li miżura waħda tnaqqset bi fteit minħabba nuqqas ta' domanda, miżura oħra li tippromwovi s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli żdiedet, u għalhekk il-kapitolu jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-bieċa l-kbira għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030. Għalhekk, il-pjan emendat jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-oġettivi tal-Artikolu 19(3), il-punt (da).

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluż il-bijodiversità

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u l-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal 43,30 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 94,18 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (17) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha, kif ukoll għall-kisba tal-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030, filwaqt li jikkonformaw mal-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050. Il-valutazzjoni pożittiva tal-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika pprovduta fid-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2021 tibqa' valida. Filwaqt li miżura waħda dwar il-proġetti ekoloġiċi tar-R&I tnaqqset bi fteit, miżura waħda dwar il-vetturi elettriċi żdiedet, u dan irriżulta f'żieda ta' 2,79 %, il-miżuri emendati ma għandhomx impatt fuq l-ambizzjoni ġenerali tal-pjan fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u l-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal 29,15 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament. L-emendi tal-RRP ta' Ċipru jinvolvu tnaqqis nett fil-kontribut ġenerali għall-mira diġitali tal-RRP bi 2,93 %. Madankollu, il-miżuri emendati ma għandhomx impatt fuq l-ambizzjoni ġenerali tal-pjan fir-rigward tat-tranżizzjoni diġitali.

- (19) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-valutazzjoni pożittiva tal-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali pprovduta fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2021 tibqa' valida.

Kalkolu tal-Kostijiet

- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i) u mal-Anness V, il-kriterju 2.9 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (21) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet għall-miżura eżistenti li l-modifiki tagħha kienu jinvolvu valutazzjoni ġdida tal-kostijiet turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Il-bidliet fl-istimi tal-kostijiet kienu ġġustifikati, proporzjonali għall-miri riveduti u appoġġati minn kalkoli u evidenza dettaljati, u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' dawn l-istimi tal-kostijiet ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Kull kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (22) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa minn Ċipru ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal Ċipru rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti [(a), (b), (c), (d), (da), (db), (e), (f), (g), (h), (i), (j) u (k)].

Valutazzjoni pożittiva

- (23) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jkun disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (24) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat ta' Ċipru huma ta' EUR 1 022 123 510. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Ċipru, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat ta'

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Ċipru jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 1 020 223 681. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal Ċipru tibqa' l-istess.

- (25) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.
- (26) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-ġhoti ta' fondi tal-Unjoni taħt kull programm ieħor tal-Unjoni ħliel il-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Hija ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat għal Ċipru fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru hija emendata kif ġej:

l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President